**20 ta' Jannar, 1964**

**......... Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Maria Carmela armla minn
Pasquale Schembri

*versus*

Amabile Vassallo

**Rivendikazzjoni — Prova**

*Il prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklusiva b'mod illi kwalunqwe dubbju jmur favur il possessur konvenut.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi — wara li ppremettiet illi hi tippossiedi l-għalqa li tinsab fil-limiti ta' Ħal-Kirkop kontrada ta' l-Iħfar li tmiss mar-raba tal-konvenut; u illi l-konvenut abusivament daħal fir-raba tagħha u ħadem biċċa minnha li tagħti għal fuq is-sqaq; u illi l-konvenut għalkemm iddiffidat biex majkomplix jidħol jaħdem din il-biċċa, insista li jrid ikompi jaħdimha; u illi din il-biċċa raba tifforma parti mill-għalqa tagħha fuq imsemmija u għalhekk il-konvenut m'għandux dritt jidħol u jaħdimha; — talbet illi, wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, il-konvenut għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi inibit minn din il-Qorti li jidħol fil-biċċa raba fuq imsemmija u jaħdimha. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut. Salva kwalunkwe ażjoni għad-danni.

*Omissis:*

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tas-sbatax (17) ta' Ġunju, 1963 li biha, wara li ddikjarat li l-għalqa ndikata fiċ-ċitazjoni li l-attriċi ma oħrajn tippossiedi tikkomprendi li strixxa art imsemmija, laqgħet it-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat:

Illi peress li bin-nota minnu presentata fl-ewwel (1) ta' Frar, 1962, il-konvenut irrinunzja għall-eċċezzjoni talpreskrizzjoni ġa minnu sollevata, ma hemmx lok ta' pronunċjament rigward l-istess eċessjoni.

Illi jinsab pruvat soddisfaċentement li l-attriċi, bħala suċċeditriċi ta' Paolo Grech, hu nannuh Leonardo missier missierha Angelo, hija komposseditriċi b'titolu ta' proprieta tal-għalqa li qegħda fil-limiti ta' Hal Kirkop fil-kontrada "tal-Iħfar" imsejjħa "ta' Libwar", liema għalqa l-imsemmi Paolo Grech kien akkwistaha b'xiri mingħand Giuseppe Formosa fis-sittax (16) ta' Awissu, 1888, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Michel'Angelo Zammit. L-attriċi tippretendi li l-konvenut abusivament daħal f'din l-għalqa u ħadem biċċa minnha li tagħti għal fuq sqaq u li għalkemm hi ddiffidatu biex ma jkomplix jidħol fija, il-konvenut ried ikompli jaħdem din il-biċċa raba. Il-konvenut xehed li l-biċċa raba in kwistjoni jafha tinħadem mal-għalqa tiegħu; li ma jafx jekk l-istess hu kien xtrahiex jew le ma' l-imsemmija għalqa; li l-għalqa tiegħu meta xtraha ma kejjiliex; li din l-għalqa hu kien akkwistaha fit-tnax (12) ta' Ġunju, 1935, fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia.

Illi jiġi rilevat mill-ewwel, fuq il-kwistjoni relativa sollevata mill-konvenut, li l-attriċi setgħet tintenta din il-kawża għalkemm hija biss komproprjetarja u mhux proprjetarja assoluta tal-għalqa 'l fuq imsemmija, għaliex anki f'kas ta' azjoni rivendikatora, bħalma l-konvenut jgħid illi

hija l-azjoni ntentata mill-attriċi, "sebbene all'attore rivendicante non spettino che quote indivise del fondo in rivendica tuttavia tenuto conto del fatto, che le dette sue quote sono materialmente confuse per indivisione colla restante quote, egli, come comproprietario, ha il diritto nell-Interesse della comunione, di avocare dal potere dell' illegittimo possessore, anche la restante quote, e cosi l'intero fondo sul quale lo stesso possessore illegittimo non ha un diritto qualsiasi, senza essere per tale oggetto affatto necessario che allo stesso attore si fosse unito il comproprietario della quote rimasta" (Borsari, Commento al Cod. Civ. Ital. 2. tit. 4. para. 1401.) Fl-istess sens jgħallem il Ricci (Corso di Diritto Civile Vol. V. tit. 1. Cap. 1. n. 12);

Illi l-biċċa raba in kwistjoni mhiex ħlief li strixxa art indikata bil-kulur isfar fil-pjanta esibita fil-fol. 39 tal-proċess. Fl-istess pjanta jinsabu ndikata l-għalqa, mhiex kontestata ta' l-attriċi bil-kulur aħmar, u dik tal-konvenut bil-kulur aħdar. Biex tirnexxi f'din minnha ntentata, l-attriċi trid tipprova li l-għalqa kif deskritta meta akkwistaha Paolo Grech bil-kuntratt tas-sena 1888 kienet tikkomprendi li strixxa art imsemmija. Għall-finijiet ta' din il-prova l-attriċi pproduċiet il-kopja leġali taż-żewġ kuntratti tal-akkwist tal-għalqa rispettivament magħmul minn Paolo Grech fis-sena 1888 u mill-konvenut fis-sena 1935 (fol. 5/8 u 9/10 tergo), ċioe rriferiet għall-kapaċita supertiċċjali u l-konfini kif deskritti f'dawn il-kuntratti meta l-istess egħlieqi ġew akkwistati.

Illi kieku kienet verament bazata fuq il-kapaċita superfiċjali tal-għalqa ta' l-attriċi meta l-istess ġiet akkwistata, it-tesi ta' l-attriċi forsi ma kienetx tkun tista għal kollox tiġi kunsidrata soddisfaċenti. Infatti, skond il-kuntratt imsemmi tas-sena 1888 (Dok. A. fol. 5), il-għalqa. mhux kontestata, attwalment posseduta kif ingħad mill-

attriċi, hija deskritta bħala li għandha l-kejl ta' tomna u siegħ ċirka. Issa, skond ma rrelata l-perit ġudiżjarju din il-għalqa, mhux kontestata, ta' l-attriċi għandha l-kejl ta' ċirka tomna, siegħ u terz ta' kejla; jiġifieri kejl superjuri, għalkemm bi ftit, għal dak indikat fl-imsemmi kuntratt. Kwindi jista jingħad li mhux possibbili li din l-għalqa, meta ġiet akkwistata minn Paolo Grech kienet tikkomprendi li strixxa art in kwistjoni, għaliex f'dan il-każ l-istess għalqa kienet tiġi deskritta li għandha l-kejl ta' almenu tomna u żewġ siegħan, peress li l-perit ġudizzjarju l-istess strixxa art irrelata li hija tal-kejl ta' ċirka siegħ u żewġ kejliet u nofs. Pero dan il-kejl superfiċjali, li jidher li kien jiġi biss kalkolat approssimativament u mhux b'misurazzjonijiet ta' periti agrimensuri, ma jidherx li għandu jagħti ebda affidament suffiċjenti u li kwindi għandu jifforma strettament bażi ta' gudizzju. Milli jidher il-partijiet kontraenti ma kienux tant jibbadaw għall-misurazzjonijiet. Bħal ma ssemma, il-għalqa, mhux kontestata tal-attriċi fil-kuntratt imsemmi hija deskritta bħala ta' kejl superfiċċjali inferjuri minn dak deskritt mill-perit gudizjarju. L-istess ħaġa jista jingħad rigward l-għalqa tal-konvenut minn dan akkwistata bil-kuntratt tas-sena 1935 (Dok. B. fol. 9). F'dan il-kuntratt l-għalqa tal-konvenut hija deskritta bħala tal-kejl ta' ċirka erbat itmien; mentri l-kejl superfiċjali tagħha skond il perit ġudizzjarju huwa superjuri, ċioe ċirka erbat itmien, siegħ u seba kejliet: kif xehed il-konvenut, meta xtraha, din il-għalqa ma kejjilhiex.

Illi kif ingħad, l-attriċi qegħda wkoll tirriferixxi għall-konfini taż-żewġ egħlieqi kif deskritti fil-kuntratt tal-akkwist tagħhom rispettiv b-sostenn tat-tesi propunjata minnha; u mid-deskrizzjoni ta' dawn il-konfini t-tesi ta' l-attriċi tirriżulta b'mod soddisfaċenti. Infatti, skond il-kuntratt tas-sena 1888 il-għalqa akkwistata minn Paolo Grech ġiet deskritta li hija konfinata mit-Tramuntana,

minn sqaq; min-Nofs-in-Nhar minn beni tal-Gvern; u mil-Lvant u l-Punent, minn beni ta' sidien mhux magħrufa. Skond il-perit ġudizzjarju l-konfini ta' l-istess għalqa, ċioe tal-għalqa posseduta mill-attriċi, mhux kontestata, huma mit-Tramuntana, in parti ma' l-istrixxa art in kontestazzjoni u in parti mal-għalqa tal-konvenut, mil-Lvant u l-Punent, ma' raba ta' sidien mhux magħrufa; u min-Nofs-in-Nhar, ma' raba tal-Gvern. Dan ifisser li l-konfin ta' din l-għalqa, dawk mogħtija fil-kuntratt tas-sena 1888 u l-oħrajn mogħtija mill-perit ġudiżżjarju jikkorrispondu, jew aħjar, jikkorrispondu sgur rigward il-konfini tal-Lvant, Punent u Nofs-in-Nhar, u wkoll għal dak relativ għat-Tramuntana imma b'din id-differenza rigward dan-i-aħħar konfini li hija l-fulerum tal-kwistjoni f'din il-kawża fis-sens segwenti. Fil-kuntratt tas-sena 1888 il-konfini tal-għalqa rigward it-Tramuntnana huwa mogħti sempliċement bħala "sqaq"; mentri fi deskrizzjoni mogħtija mill-perit ġudizzjarju dan il-konfini, għall-għalqa mhux kontestata, huwa mogħti bħala "in parti sqaq u in parti l-għalqa tal-konvenut": jiġifieri f'dan il-konfini hemm sgur "sqaq". Huwa evidenti, meta wieħed jeżamina l-pjanta fuq imsemmija (fol. 39) li jekk il-għalqa ta' l'attriċi tiġi kunsidrata bħala li tikkomprendi li strixxa in kontestazzjoni, il-konfini tat-Tramuntana tal-għalqa jiġi li huwa li sqaq, il fuq, fil-punt fl-intersikazzjoni ta' l-isqaq bħala kulur u li strixxa art in kontestazzjoni kulurita bl-isfar. Il-konvenut issolleva d-diffikolta fis-sens li dan il-konfini, mit-Tramuntana, huwa li sqaq, 'l isfel, fil-punt intersikazjoni tal-parti ta' isfel ta' l-istess strixxa kulurita bl-isfar u l-għalqa kulurita bl-aħmar, billi l-istess konvenut jissottometti li l-istrixxa kulurita bl-isfar mhiex ħlief sqaq kontinwazzjoni ta' dak imsemmi u ndikat bla kulur fil-pjanta. Pero, din id-diffikolta tinsab faċilment eleminata mil-vera deskrizzjoni tal-konfini tal-għalqa tal-konvenut fil-kuntratt tat-tnax (12)

ta' Jannar, 1935, li bih hu akkwista din l-għalqa. Skond il-perit ġudizjarju, evidentement kif jidher mill-pjanta msemmija, il-għalqa tal-konvenut tinsab konfinata mill-Punent in parti, ma' l-istrixxa art in kontestazzjoni; u mill-kuntratt imsemmi tas-sena 1935, li fih naturalment kien parti l-konvenut li kwindi kien a konjizzjoni ta' dan il-fatt mill-ewwel, il-għalqa ta' dan hija deskritta bħala li hija konfinata mill-Punent ma' beni ta' Leonardo Grech, ċioe ma beni tal-familja ta' l-attriċi billi jinsab pruvat li din Leonarda Grech kienet iz-zija ta' l-attriċi. Minn dan isegwi neċessarjament, inkontrastabilment, u mingħajr ebda ombra ta' dubbju illi l-istrixxa art in kwistjoni, kulurita bl-isfar fil-pjanta fol. 39 tal-proċess almenu minn meta l konvenut akkwista l-għalqa tiegħu kienet kif tidher li baqgħet u għadha, tifforma parti ntegrali tal-għalqa posseduta mill-attriċi.

Illi l-konvenut b'ebda mod ma pprova li għandu xi dritt li jintitolah jidħol fil-għalqa msemmija, jew f'xi parti minnha, u jaħdimha.

Illi għalhekk l-istanza tinsab ġustifikata.

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata billi tiġi miċħuda t-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

Rat ir-risposta ta' l-attriċi li qalet illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Huwa terren komuni bejn il-partijiet illi l-azzjoni ntes-

tata b'din il-kawza mil-appellata hija azzjoni rivendikatorja u hekk, infatti ikkunsidrata u ttrattata l-ewwel Onorabbli Qorti. L-appellata trid l-inibizzjoni ta' l-appellant milli jidhol fil-biċċa art in kwistjoni u jaħdimha għaliex tasserixxi li hi tagħha, sija pure jekk in komproprjeta ma nies oħra li m'humiex fil-kawza.

Għalhekk, kif sewwa jingħad fis-sentenza appellata, biex tirnexxi f'din l-azzjoni l-attriċi trid tipprova illi dik il-biċċa art kienet ġiet akkwistata in proprjetà mill-awtur tagħha. Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-sbatax (17) ta' Novembru, 1958 in re "Buhagiar vs. Borg" huwa magħruf illi l-attur f'azzjoni rivendikatorja, irid jipprova d-'dominju' ossija l-proprjeta fih tal-ħaġa li jrid jirrevendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhux tal-konvenut imma jeħtieġ juri positivament li hi tiegħu n-nifsu, inkellha sseħħ il-masima "melior est conditio possidentis". Ġie dejjem ritenut mill-Qrati tagħna, fuq l-istregwa ta' prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza bazati fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva b'mod illi kwalunkwe dubju jmur favur il-possessur konvenut (ara wkoll id-diversi sentenzi hemm ċitati).

It-titolu li tinvoka l-appellata hu il-kuntratt fol. 5 fl-atti tan-Nutar Michel'Angelo Zammit tas-sittax (16) ta' Awwissu, 1888 li bih Paolo Grech, ziju ta' missierha, kien akkwista b'xiri mingħand Giuseppa Formosa, "Chiusa di terra posta nei limiti di Casal Chircop in contrada "tal-Ifkar" denominata "ta-Libwar" consistente in due lenze della capacita di tummolo uno e mondello uno in circa, confinata da Tramontana con Vicolo, da Mezzodi con beni di Governo e da Punente e Levante con beni ignoti libera e franca con tutti e singoli suoi gius e pertinenze." L-attriċi tippre-

tendi illi l-biċċa art in kwistjoni kienet kompriża u tifforma parti mill-għalqa hekk akkwistata minn Paolo Grech b'dak il-kuntratt.

L-appellant ukoll għandu għalqa attigwa għall-istrixxa ta' art in kwistjoni li hu kien akkwista b'xiri, bill-kuntratt fol. 9 fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia tat-tnax (12) ta' Ġunju, 1935 fejn tinsab deskritta bħala "clausura appellata 'ta' Siġra' limiti del Chircop appellata "tal-Ħawħa" pure contrada ta' Ħal Chircop, capace circa quattro tummoli, confina da mezzodi e levante con beni di Antonia vedova Cutajar, ponente beni di Leonarda Grech e trammontana beni di detta Antonia Cutajar."

L-istrixxa ta' art in kwistjoni li, kif osserva l-Perit Bianchi hi "għamla ta' sqaq", kif jidher mill-pjanta annessa mar-rapport tiegħu fol. 39, hi ndikata bil-kulur isfar f'dik il-pjanta.

U sqaq, appuntu, kienet is-sejħila l-attriċi fl-ittri kollha li bagħtet lill-konvenut qabel bdiet din il-kawża: "sqaq li jagħti għall-għalqa tagħha". "sqaq li minnu hija tidħol għall-għalqa tagħha." F'dawn l-ittri l-attriċi ppretendiet biss illi l-konvenut ma kienx is-sid ta' dan l-isqaq (dak li, kif ġa ntqal, m'hux il-kwistjoni rilevanti f'din il-kawża), u li jekk stess il-konvenut kellu sehem minnu, hi kellha dritt ta' passaġġ biex tidħol fl-għalqa tagħha (ara fol. 25, 24 23).

Kien biss meta ppreżentat iċ-ċitazzjoni illi l-attriċi bdiet tippretendi illi dak li "sqaq" kien "biċċa mill-għalqa tagħha" u kien tagħha.

L-ewwel Onorabbli Qorti laqgħet din il-pretensjoni, tista tgħid unikament għaliex dehrilha illi mid-deskrizzjoni tal-

konfini ta' l-għalqa tal-konvenut, kif magħmula fil-kuntratt ta' l-akkwist tiegħu fl-1935 kien jidher "neċessarjament, inkontrastabilment u mingħajr ebda ombra ta' dubju illi l-istrixxa art in kwistjoni . . . almenu minn meta l-konvenut akkwista l-għalqa tiegħu kienet kif tidher li baqgħet u għadha, tifforma parti ntegrali tal-għalqa posseduta mill-attriċi."

Fil-fehma ta din il-Qorti din il-konkluzzjoni, anki kieku fondata bħal fatt, ma kienetx tkun direttament rilevanti għall-prova tal-proprjeta ta' l-istrixxa ta' art fl-attriċi. L-attriċi mhix tippretendi li din l-istrixxa hi tagħha għaliex għal żmien "ifformat parti ntegrali mill-għalqa tagħha", hi mhix tinvoka, ngħidu aħna, l-preskrizzjoni. Dak li qed tinvoka huwa t-titolu, cioe l-kuntratt li bih kienu akkwistawha l-awturi tagħha.

Iżda dik il-konkluzzjoni hi anki, bħala fatt, kuntrarja għall-provi. Dawn il-provi juru illi, jekk din l-istrixxa, mill-1935 l-hawn, "kienet tifforma parti ntegrali" mill-għalqa ta' xi ħadd, din kienet l-għalqa tal-konvenut u mhux ta' l-attriċi, ħlief illi fiha kien hemm imħolli passaġġ bir-rigel li jagħti għall-għalqa ta' l-attriċi. Mhux kontraddett minn ħadd, il-konvenut xehed illi hu kien jaf l-għalqa li xtara minn mindu kien żgħir: "il-biċċa raba li qed tippretendi l-attriċi jiena nafha tinħadem ma l-għalqa tiegħi . . . kien jaħdimha l-istess gabillott li kien jaħdem l-għalqa li jiena xtrajt" (fol. 20). Mix-xhieda tar-Reverendu Leonardo Farrugia, neputi tal-konvenut u li jamministralu l-beni tiegħu, jidher illi l-konvenut minn dejjem kien jikkunsidra din l-istrixxa bħala parti mill-għalqa tiegħu. Skond dan ixxhud l-attriċi ammetiet miegħu il'i "hi taf li mhux tagħha r-raba jew passaġġ.

*Dawn il-fatti huma kollha ndiżji kontra l-pretensjoni issa*

avanzata mill-attriċi.

Pero l-kwistjoni vera tibqa jekk mill-kuntratti nvokati mill-attriċi jirriżultax it-titolu tagħha. Fis-sentenza appellata jingħad illi għall-finijiet ta' din il-prova (mill-kuntratti) l-attriċi rriferiet għall-kapaċita superfiċjali u l-konfini.

Kwantu għall-kapaċita superfiċjali, ġa ġie rilevat mill-ewwel Onorabbli Qorti, illi l-kejl ta' l-għalqa posseduta mill-attriċi, kif mizurat mill-Perit Gudizzjaru", u mingħajr l-istrixxa in kwistjoni, hu ftit akbar minn dak imsemmi fil-kuntratt fol. 5. Għalhekk il-kapaċita superfiċjali, kif ukoll sewwa osservat dik il-Qorti, ma għandu jagħti ebda affidament suffiċjenti biex jifforma bazi ta' ġudizzju.

Rigward il-konfini, jekk l-istrixxa ta' l-art in kwistjoni titqies bħala sqaq, cioe kontinwazzjoni ta' l-isqaq li jkompli iktar il-barra, kif jirritjeni l-konvenut u kif, fil-fehma ta' din il-Qorti, għandu manifestament, — meħuda in konsiderazzjoni l-konformazzjoni tagħha, — jiġi ritenut (kif, del resto, rritenietu wkoll l-istess attriċi qabel il-kawza, kif ġa ssemma), allura d-diskrizzjoni magħmula fil-kuntratt fol. 5, flok tikkomprendi, teskludi l-istrixxa in kwistjoni. Dan hu hekk in kwantu li f'dik id-diskrezzjoni jingħad illi l-isqaq hu l-konfini ta' l-għalqa mit-tramuntana u bl-"is-Sqaq" il-Qorti qiegħda tifhem l-isqaq kollu, inkluża l-kontinwazzjoni tiegħu, sa fejn jisbokka fl-għalqa ta' l-attriċi. Ta min jirreleva, dak li ġa jidher "ictu oculi" mil-pjanta, illi, kif qal il-Perit gudizzjarju, din l-istrixxa għandha approssimativament l-istess wisgħa tal-bqija ta' l-isqaq, u li, fejn din l-istrixxa tmiss fit-tarf tagħha, mal-għalqa ta' l-attriċi il-ħajt hu oħxon u hemm bieb miftuħ ġo fih (fol. 45). Ix-xhud Rev. Farrugia, qal quddiem din il-Qorti illi bejn l-għalqa ta' l-attriċi u l-istrixxa; fl-apertura li tikkomunikahom, hemm mibnijin mal-ġnub, pilastri ta' kantuni

regolari, b'ġebel kbir mhux maħdum, ta' ħxuna ta' żewġ piedi. Dana kollu jkompli jikkomferma kemm dik l-istrixxa ma hijix parti mill-għalqa ta' l-attriċi, iżda hi biss l-isqaq li minnu taċċedi għaliha.

Jekk dan hu veru, allura l-kuntratt fol. 5, meħud waħdu, hu prova kontra u mhux favur l-attriċi. Ġie rilevat waqt l-appell illi skond dak il-kuntratt, l-għalqa akkwistata bih minn Paolo Grech ġiet deskritta bħala "consistente in due lenze" u din id-deskrizzjoni turi li l-istrixxa hi waħda minn dawn il-"lenze". Iżda fil-fehma tal-Qorti dan ma jidherx li jista jkun hekk. L-istrixxa, bil-konformazzjoni tagħha u l-partikolari l-oħra ġa msemmija ma għandha ebda forma jew karatterestika ta "ħabel raba" iżda biss ta' trieq ta' aċċess.

Pero l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi l-konfini ta' l-għalqa tal-konvenut kif deskritti fil-kuntratt tiegħu fol. 9 jeliminaw kull diffikolta u jippruvaw bla dubju t-teżi ta' l-attriċi. Dana għaliex, f'dak il-kuntratt, jingħad illi dik l-għalqa hi konfinata mil-punent ma beni ta' Leonarda Grech, cioe, kif qalet l-ewwel Qorti ma beni tal-familja ta' l-attriċi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, pero dan hu element wisq malsikur biex fuqu tibbaża konkluzzjoni ta' proprjieta ta' l-istrixxa in kwistjoni. Infatti l-Perit Ġudizzjarju, fuq domanda ta' l-ewwel Qorti, għad li qal illi wieħed mill-irjieħ jista' jkun Leonarda Grech; żied jgħid illi din "dejjem hija deskrizzjoni vaga ta' rieħ u mhux preċiża" u hu ma kienx jagħmilha hekk. Fil-fatt anki meta teskludi l-istrixxa mil-għalqa ta' l-attriċi, tibqa maħha minn din l-għalqa li tikkonfina ma l-għalqa tal-konvenut. Sempliċement, dan il-konfini ġie ndikat bħala 'punent' mentri hu aktarx lejn nofs-in-nhar. Imma anki l-konfini għan-nofs inhar huma żbaljati għax fil-waqt li fil-kuntratt jingħad illi minn dan ir-riħ, l-għalqa tal-konvenut tik-

konfina ma beni ta' Cutajar, fil-fatt, il-konfini fuq din in-naħa, kif indikati mill-Perit Ġudìzzjarju u kif jidhru mill-pjanta huma in parti raba tal-Gvern, in parti raba ta' sidien mhux magħrufa u in parti ma l-għalqa ta' l-attriċi mhux kontestata. Dak li evidentement ġara, fil-fehma tal-Qorti, hu preċiżament dak li ssuġġeriexxa l-konvenut fil-petizzjoni ta' l-appell, jiġifieri illi fl-indikazzjoni tal-konfini fil-kuntratt, it-tramuntana u konsegwentement l-irjieħ l-oħra, ġew konfigurati aktar lejn ix-xellug milli jirriżultaw mill-boxxla waqt l-aċċess. Korrett dan l-ispostament, il-konfini ndikata fil-kuntratt tal-konvenut jieħdu posthom sewwa, bla ma l-istrixxa in kwistjoni tiġi tidħol fil-proprjeta ta' l-attriċi.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti hi ta' fehma illi l-attriċi ma rnexxielhix tagħmel il-prova tal-proprjeta tagħha b'dak il-mod konklussiv u rassikuranti li, kif intqal hu meħtieġ f'azzjoni riveridikatorja. Dan ċertament ma jfisserx illi l-Qorti qed tirritjeni li l-attriċċi ma għandiex dritt tgħaddi mill-istrixxa jew li l-konvenut għandu dritt jaħdimha. Dawna huwa kwistjonijiet oħra li ma jidħlux f'din il-kawza.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa l-appell tal-konvenut, tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talba ta' l-attriċi bl-ispejjez kontra tagħha.